# Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Settembru 2024

**NR 210/2024** **Data tal-Ħruġ: 11 ta' Novembru 2024** **Data tal-Għeluq: 01 ta' Novembru 2024**

*Ċifri proviżorji tal-kummerċ tal-merkanzija juru li, f'Settembru 2024, kien irreġistrat defiċit kummerċjali ta' €301.1 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta' €270.8 miljun tal-istess xahar fl-2023.*



**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Settembru 2024**

It-tagħrif kollu mogħti f'din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet jippreżenta l-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f'Settembru 2024, kien irreġistrat defiċit ta' €301.1 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta' €270.8 miljun tal-istess xahar fl-2023. L-importazzjoni ammontat għal €750.4 miljun, mentri l-esportazzjoni kienet ta' €449.3 miljun. Dan juri żieda ta' €91.3 miljun fl-importazzjoni u żieda ta' €60.9 miljun fl-esportazzjoni fuq l-istess xahar tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1). Iż-żieda fl-importazzjoni kienet ġejja l-aktar mill-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€120.3 miljun) u Tranżazzjonijiet u prodotti mixxellanji (€12.1-il miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fl-Ikel (€24.6 miljun), u l-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€18.6-il miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żidiet ewlenin kienu rreġistrati fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€44.4 miljun) u l-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€43.8 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€20.7 miljun) (Tabella nru 3).

**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Jannar-Settembru 2024**

Fl-ewwel disa' xhur tas-sena, id-defiċit ċkien b'€100.5 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta' qabel u kien ta' €3,292.6 miljun. L-importazzjoni kienet ta' €6,923.5 miljun, filwaqt li l-esportazzjoni laħqet it-€3,631.0 miljun. Dan fisser żidiet ta' €283.0 miljun u €383.5 miljun, rispettivament (Tabella nru 1). Iż-żieda fl-importazzjoni dehret l-aktar fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€542.1 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fl-importazzjoni tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€218.7-il miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żieda ewliena kienet fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€327.9 miljun) (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta' kull tliet xhur




Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (56.4 fil-mija) u mill-Asja (21.3 fil-mija). Simili għas-sitwazzjoni tal-importazzjoni, l-akbar numri tal-esportazzjoni kienu rreġistrati lejn l-Unjoni Ewropea (35.7 fil-mija) u l-Asja (11.3 fil-mija). L-akbar żieda fl-importazzjoni ġiet mill-Italja (€167.6 miljun), filwaqt li l-importazzjoni mill-Ġermanja rreġistrat l-akbar tnaqqis (€242.2 miljun). L-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti rreġistrat l-akbar żieda (€139.7 miljun), filwaqt li dik lejn il-Ġermanja kellha l-akbar tnaqqis (€65.0 miljun) (Tabella nru 4).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Settembru 2024**

F'Settembru, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi oġġetti speċifiċi kien jgħodd €139.5 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta' €183.9 miljun li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2023. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €428.6 miljun u €289.1 miljun, rispettivament, u b'hekk kien hemm tnaqqis ta' 5.0 fil-mija fl-importazzjoni u żieda ta' 8.2 fil-mija fl-esportazzjoni fuq l-istess xahar tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).

u**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Jannar-Settembru 2024**

Fl-ewwel disa' xhur tal-2024, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jeskludi xi oġġetti speċifiċi naqas b'€0.5 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta' qabel, sabiex laħaq l-€1,921.8 miljun. L-importazzjoni u l-esportazzjoni naqsu b'0.3 fil-mija u b'0.5 fil-mija sabiex laħqu €4,070.5 miljun u €2,148.7 miljun, rispettivament (Tabella nru 1).

## Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] - Data ta' kull tliet xhur




## Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija

Tqabbil mal-istess xahar ta' sena qabel




## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ sħiħ tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti

Settembru 2024




## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] bil-kontinent/reġjun

Settembru 2024




[1] Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Inġenji tal-Ajru, Inġenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f'Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara nota 8 tan-Noti Metodoloġiċi.

Nota: It-totali jistgħu ma jammontawx minħabba l-arrotondament.